MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru. 21/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS GALEA SCANNURA
VS
PAUL BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Briffa ta’ 60 sena bin Leonard u Paulina nata Borg imwieled Hal Qormi fit-18 t’April 1942 u residenti 38, Triq Stagnog, Qormi detentur tal-karta tal-identita numru 277742M talli fil-21 ta’ Lulju 2002 f’Hal Qormi ghal habta tad-disgha u nofs ta’ filghaxija volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hamsin lira u inqas minn hames mitt lira maltin u saret fuq vettura numru EAV 098 tal-marka Ford Sierra ghad-dannu ta’ Salvatore Muscat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fil-15 ta' Mejju 2003 l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat wkoll illi l-imputat hallas ghal hsarat kollha li hu kkaguna fuq il-vettura ta' Salvatore Muscat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325 tal-kap 9, Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------